C/2025/5533

14.10.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12085 — AXEL SPRINGER / SCHWARZ GROUP / DYN MEDIA and DYN PRODUCTIONS JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/5533)

1. Fit-3 ta' Ottubru 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Schwarz New Ventures GmbH ("Schwarz New Ventures", il-Ġermanja), li tappartjeni għal Schwarz Group (il-Ġermanja),

— Axel Springer SE ("Axel Springer", il-Ġermanja), fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollata minn Dr Matthias Döpfner,

— Dyn Media GmbH ("Dyn Media", il-Ġermanja), attwalment ikkontrollata biss minn Axel Springer,

— Dyn Productions NewCo GmbH ("Dyn Productions JV", il-Ġermanja), li se tiġi inkorporata matul it-tranżazzjoni.

Schwarz New Ventures u Axel Springer se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Dyn Media u Dyn Productions JV.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Schwarz New Ventures, kumpanija azzjonarja, hija parti minn Schwarz Group li huwa grupp internazzjonali ta' kumpaniji b'enfasi fuq is-settur tal-bejgħ bl-imnut tal-ikel,

— Axel Springer hija kumpanija tal-media transatlantika.

3. L-attivitajiet kummerċjali ta' Dyn Media huma dawn li ġejjin: fornitur tal-istreaming li joffri kontenut sportiv ibbażat fuq abbonament fuq talba.

L-attivitajiet kummerċjali ta' Dyn Productions JV se jkunu dawn li ġejjin: produzzjoni ta' kontenut awdjoviżiv għal Dyn Media.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12085 — AXEL SPRINGER / SCHWARZ GROUP / DYN MEDIA and DYN PRODUCTIONS JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË